**FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI**
*Foundation for Educational Services*

# Workshop Numru 1

**Stephen Bonnici**
**Il-Ġimgħa u s-Sibt**
**Lingwa: Malti**

# *Strateġiji effettivi li jgħinuna ninħallu għall-kitba: 'Workshop' ta' kitba għall-familji*

## Deskrizzjoni tal-Workshop

Li wieħed jaqbad jikteb mhux dejjem tkun biċċa xogħol faċli u għal xi wħud tista' tkun sitwazzjoni frustranti ħafna. Xi kultant taf tkun ukoll daqstant frustranti għal dawk il-ġenituri li t-tfal tagħhom iduru fuqhom għall-għajnuna. X nistgħu nagħmlu?

F' dan il-'workshop' se nesploraw metodi li jistgħu jintużaw biex tinġabar informazzjoni, joħorġu l-ideat u jinfetħu l-bibien għall-kitba, b' enfażi speċjali fuq l-użu tal-mistoqsijiet. Il-parteċipanti se jkollhom ċans jesperjenzjaw u jħaddmu dawn il-metodi li jwassluhom biex jiktbu dwar xi ħaġa li hi għal qalbhom. Huma jkollhom ċans ukoll li jipprattikaw l-mistoqsijiet fuq xulxin biex b' hekk jifhmu aħjar kif din l-istrateġija partikolari tista' tintuża ħalli tgħin lill-oħrajn jibdew jiktbu jew jirrevedu l-kitba tagħhom.

## Nota Bijografika

Stephen Bonnici B.A. PGCE. Iggradwa bħala għalliem mill-Universita' ta' Malta u għallem għal sitt snin fl-iskola primarja E.B. Vella fil-Mosta. F' Ġunju 2002, huwa ħa sehem fit-tielet 'Invitational Writing Institute' organizzat mill-'Malta Writing Programme' (MWP) u sentejn wara segwa l-kors fil-livell avvanzat. Stephen mexxa diversi 'writing workshops' għal studenti għalliema, għalliema, u ġenituri. F' April 2005 huwa kien wieħed mill-organizzaturi u l-mexxejja tal-ħames 'Invitational Writing Institue', li kien l-ewwel wieħed immexxi kompletament minn għalliema Maltin. F' Ġunju u Lulju ta' wara ppparteċipa fl-ewwel ġimgħatejn tas-'South Coast Writing Project (SCWriP) Summer Institute' għall-għalliema tal-kitba. Bħalissa huwa jokkupa l-kariga ta' animatur fl-MWP, fejn jikkoordina u jmexxi Klabb Kittieba Żgħar u Klabb Kittieba Ġenituri.